# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 6 ta' Dicembru, 2018.**

**Numru 3**

**Rikors Numru 258/18TA**

**Carmelo sive Charles Abela I.D. 51339 (M)**
**Joseph Abela I.D. 544537 (M)**
**Emanuel Abela I.D. 62040 (M)**
**Concetta Dimech I.D. 323931 (M)**
**Josephine Camilleri I.D. 801632 (M)**
**Dr. Thomas Abela I.D. 441948 (M) f'ismu personali kif ukoll f'isem u ghan-nom ta' Crocifissa Calvin, P.P. No. 1114679, assenti minn Malta kif ukoll f'isem Lorenza Abela Fazio, I.D. 647654 (M), Josephine Cachia, I.D. 296647 (M), Mary Rose Pool, I.D. 480249 (M), Tereza Zammit Marmara, I.D. 767861 (M)**

**vs**

**Avukat Dr. Ismhael Psaila u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina li b'digriet tas-16 ta' April 2018 gew mahtura kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti minn Malta Fiorella Abela armla ta' Alfred Abela**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Carmelo sive Charles Abela pro et prezentat u mahluf minn Dr. Thomas Abela fl-20 ta' Marzu 2018 li bis-sahha tieghu premettew u talbu s-segwenti:-

"Illi l-esponenti rikorrenti flimkien mal-intimata Fiorellla Abela jipposjedi l-fond f'Numru 35, fi Triq il-Gdida, llum Triq Robert Naudi, fl-Imsida.

Illi dan il-fond sar proprjeta taghhom mal-mewt tal-antenata taghhom Tereza Abela li kienet mietet fit-22 ta' Mejju 1986. Hija kienet thalliet wiehed minn ghaxra minn dal-fond lill-ghaxar uliedha, Anton, Francis, Concetta, Josephine, Crocifissa, Alfred, Mary, Joseph, Carmelo sive Charles, u Emanuel.

Illi minn dawn l-ewwel miet Alfred Abela fit-2 ta' April 2002, u halla werrieta tieghu fl-Ingilterra lil martu Fiorella Abela, l-intimata.

Illi miet wara ir-Rev. Anton Abela fl-4 ta' Awwissu 2005, li halla sehemu mill-fond imsemmi f'numru 35, fiq Triq il-Gdida, llum Triq Robert Naudi, fl-Imsida, fit-Testment tieghu fl-Atti tan-Nutar Victor Bisazza, tal-11 ta' Jannar 1989, lil ohtu Mary Abela.

Illi Mary Abela mietet fid-19 ta' Gunju tal-2014, u halliet sehemha minn dan il-fond lil hutha superstiti li dak inhar kienu Francis, Carmelo sive Charles, Joseph, Emanuel, Concetta Dimech, Josephine Camilleri, u Crocifissa Calvin.

Illi Francis Abela lahaq miet fl-14 ta' Awwissu tal-2014, u halla unika eredi tieghu lil martu Rita Abela, li mietet fis-26 ta' Settembru tal-2016, u halliet werrieta taghha il-hames uliedha Dr. Thomas Abela, Josephine Cachia, Mary Rose Pool, Lorenza Abela Fazio u Tereza Zammit Marmara, rikorrenti f'din il-kawza ma ohrajn.

Illi ghalhekk illum waqt li l-intimata Fiorella Abela hija proprjetarja tas-sehem ta' wiehed minn ghaxra (1/10) tal-fond imsemmi, l-esponenti llum huma flimkien proprjetarji tad-disgha minn ghaxra (9/10) f'numru 35, Triq Robert Naudi, fl-Imsida.

Illi l-esponenti sabu l-bejgh ta' dan il-fond lil terzi bi prezz xieraq u skond is-suq, tant li gie minnhom iffirmat konvenju, kopja tieghu hawn annessa, Dok. A, lil Darren Pisani u Annmarie Bonnici, bix-xhieda tan-Nutar Joanne Spiteri.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

1) Tawtorizza li jsir il-bejgh tal-fond f'numru 35, fi Triq Robert Naudi, fl-Imsida, u dana ai termini tal-Artiklu 495A tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta u dana skond il-pattijiet u l-kundizzjonijiet indikati fl-att tal-konvenju fuq indikat tat-30 ta' Mejju tal-2017, u l-estensjoni tad-29 ta' Novembru tal-2017, bix-xhiea tan-nutar Joanne Spiteri.

2) Tiddikjara li l-prezz ta' hamsa u tmenin Ewro (€85,000) huwa prezz xieraq u gust ghall-fond imsemmi fic-cirkustanzi msemmija.

3) Tistabilixxi l-hin, jum u lok, meta u fejn, ghandu jigi ppubblikat il-bejgh imsemmi min-Nutar Joanne Spiteri jew Nutar Pubbliku iehor.

4) Tordna lill-intimata biex tersaq ghall-pubblikazzjoni tal-atti tal-bejgh u trasferiment, u tahtar kuraturi deputati biex jidhru minfloka fin-nuqqas taghha.

Bl-ispejjez kontra l-intimata minn issa ngunta in subizzjoni."

Rat li l-Kuraturi Deputati minkejja li kienu debitament notifikati skont il-ligi baqghu ma ghamlu ebda risposta (a` fol 48 tergo);

Rat l-Affidavit tal-imsemmi Dr. Thomas Abela (a` fol 62 );

Rat ir-rikors tad-29 ta' Ottubru 2018 ghall-hatra ta' Perit biex jaghmel stima tal-fond mertu tal-Kawza li bis-sahha tal-istess gie mahtur il-Perit Mario Axisa u dan skont digriet moghti fl-udjenza tas-6 ta' Novembru 2018;

Rat ir-rapport tal-imsemmi Perit;

Rat id-digriet tal-Qorti moghti fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2018 li bis-sahha tieghu l-Kuraturi Deputati inghataw hamest ijiem zmien biex jaghmlu nota ta' sottomissjonijiet ai termini tal-artiklu 158(10 ) tal-Kap 12 tal-ligjiet ta' Malta, b'dana kollu din ir-risposta ma dahlitx;

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawza;

Rat li l-Kawza thalliet ghal-lum ghas-Sentenza;

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti ezaminat il-provi kollha li tressqu f'din il-Kawza.

Minn dak li gie presentat jirrizulta li r-rekwiziti kollha necessarji ai fini tal-artikolu 495A tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta gew sodisfatti, partikolarment dwar il-valur tal-fond mertu tal-konvenju tat-30 ta' Mejju 2017 u kif estiz fid-29 ta' Novembru tal-2017 (a` fol 25 u 30). Il-valur li bih ser jinbiegh il-fond inkwistjoni u cioe` 35 , fi Triq Robert Naudi, Imsida huwa gust, liema fatt gie kkonfermat mill-Perit Mario Axisa, li gie mahtur minn din il-Qorti appositament.

Mill-provi inkontestati jirrisulta ukoll, li sehem il-Konvenuta huwa ta' wiehed minn ghaxra ($^{1}/_{10}$).

**<u>Decide</u>**

Il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija qeghdha taqta' u tiddeciedi r-rikors bil-mod segwenti:-

**Tilqa'** l-ewwel tal-talba;

**Tilqa' t-tieni talba** u tiddikjara li fic-cirkostanzi l-prezz ta' hamsa u tmenin elf Ewro (€85,000) huwa prezz xieraq u gust ghall-fond imsemmi fl-ewwel talba;

**Tilqa' t-tielet talba** u tordna li l-pubblikazzjoni tal-kuntratt relattiv ghandha ssir bil-ministeru tan-Nutar Joanne Spiteri u li qed tinhatar ghal

dan l-iskop, fis-27 ta’ Dicembru 2018 fil-11.00am fit-tieni sular tal-Qrati tal-Gustizzja l-Belt Valletta, hdejn il-Kamra tal-Avukati;

**Tahtar bhala kuratur** lil Dr. Richard Sladden biex jidher fl-interess ta’ Fiorella Abela armla minn Alfred Abela bil-fakoltajiet kollha li taghtih il-ligi, fl-eventwalita’ li l-Kuraturi Deputati mahtura fl-interess tal-Konvenuta u li kontra taghhom fil-kwalita` premessa inghatat id-decizjoni, jew il-Konvenuta personalment, jibqghu ma jidhrux ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ trasferiment, fil-hin, data u post fuq imsemmija.

Bl-ispejjes kollha ta’ dawn il-proceduri a` karigu tal-Konvenuta.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**